**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 257/19 CZ**

**Sharon Borg Finn**

**vs.**

**Mark Anthony Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fl-10 ta' Settembru 2019 fejn premettiet:

Illi l-esponenti inkarigat lill-konvenut Mark Anthony Bonnici sabiex jaghmel xoghlijiet ta' gypsum fl-appartament taghha.

Illi l-partijiet kienu ftehmu fuq stima sabiex isiru x-xoghlijiet, liema stima tammonta ghal erbat'elef u sebgha mitt Euro (€4,700).

Illi qabel bdew ix-xoghlijiet min-naha tal-konvenut Mark Anthony Bonnici, fuq insistenza tal-istess konvenut, l-esponenti kienet hallset l-ammont totali ta' erbat'elef u seba' mitt Euro (€4,700) kif maqbul bejn il-partijiet.

Illi wara li bdew igerrbu l-gimghat l-esponenti bdiet tinterpella lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghlijiet kif miftiehem, izda l-konvenut baqa' inadempjenti. Illi wara bosta tentattivi ohra sabiex jibdew ix-xoghlijiet u bosta weghdiet mhux mizmuma mill-konvenut sabiex jibda x-xoghlijiet, ix-xoghol baqa' ma sarx minkejja li l-konvenut kien thallas in toto.

Illi bosta interpellanzi sabiex il-flus mghoddija mill-esponenti jigu ritornati gew injorati.

Illi dan kollu se jigi ampjament ippruvat tul il-kors ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Jiddikjara lill-konvenut debitur tal-esponenti fl-ammont ta' erbat'elef u seba' mitt Euro (€4,700).
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat'elef u seba' mitt Euro (€4,700) rapprezentanti ammont mghoddi lill-istess konvenut sabiex isiru xoghlijiet li qatt ma saru mill-konvenut;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni taghhom.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta, ghalkemm fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2020 dehret l-avukat difensur tieghu li rrilevat li se tipprezenta risposta u liema risposta baqghet ma gietx prezentata.

Ra illi fis-seduta tal-lum l-Avukat Dr. David Bonello ghall-attrici ikkonferma li l-ammont mitlub mill-attrici ghadu dovut fis-shih u ma thallset l-ebda parti minnu.

Ra li l-kawza giet posposta ghal-lum stess ghas-sentenza.

Ra l-atti, u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi l-attrici qed titlob il-hlas ta' erbat'elef u seba' mitt Euro (€4,700) bhala prezz ta' xoghlijiet tal-gypsum li kellu jaghmlilha l-konvenut, u li thallas taghhom bil-quddiem u baqa' m'ghamilhom qatt. L-attrici indikat li ghadha ma thallset l-ebda parti minn din is-somma lura minkejja li talbet dan lill-konvenut divesi drabi. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erbat'elef u seba' mitt Euro (€4,700) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur